# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION
## ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 3 ta' Settembru, 2024.**

**Numru 5**

**Rikors numru 214/24/1**

**Cherubino Limited (C-3677)**

**v.**

**(1) Central Procurement and Supplies Unit; u**
**(2) Dipartiment tal-Kuntratti**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq minn Cherubino Limited kontra deċiżjoni mogħtija mill-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi fit-2 ta' April, 2024, li permezz tagħha kkonferma d-deċiżjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti li jħassar is-sejħa pubblika li ġġib in-numru ta' riferenza CT2021/2022, kif ukoll ordna li d-depożitu mħallas minn

Cherubino Limited ma kellux jiġi mrodd lura.

**Daħla**

2. Fl-4 ta' Awwissu, 2022, id-Dipartiment tal-Kuntratti, f'isem l-Unità Ċentrali ta' Akkwist u Provvisti, kif aħjar magħrufa bħala *Central Procurement and Supplies Unit*, ħabbar sejħa pubblika għall-offerti (CT2021/2022) bl-isem ta' *«Supplies Tender for the Purchase on a Pay Per Use Basis, Qty 2 High Power Urological Laser Units for the Urological Surgical Department at MDH.»*

3. L-għan ewlieni wara din is-sejħa kien sabiex id-dipartiment tal-uroloġija kirurġika fl-isptar Mater Dei jingħata għal ħames snin b'self: magna waħda tat-tip *«Solid State Urology Holmium Yag High Power, ≥120W Laser Unit»*, flimkien ma' magna oħra tat-tip *«Solid State Urology Thulium Yag High Power, ≥120W Laser Unit»*, jew inkella żewġ magni tat-tip *«Hybrid Solid State Holmium/Thulium Yag High Power, ≥120W Laser Unit».*

4. Fid-dokument tas-sejħa, l-offerta ta' magna waħda tat-tip *Holmium* u magna oħra tat-tip *Thulium*, kienet imsejħa bħala *«Option #1»,* filwaqt dik ta' żewġ magni tat-tip *«Hybrid Holmium/Thulium»* kienet imsejħa bħala *«Option #2».* L-għażla tħalliet għalkollox f'idejn l-offerenti, li setgħu

joffru żewġ magni, jew skont *«Option #1»,* jew inkella skont *«Option #2».*

5. Il-kriterju tal-għażla għal din is-sejħa kien dak tal-orħos offerta li tħares il-kriterji tekniċi u amministrattivi (ara paragrafu 6.1. tal-ewwel taqsima tad-dokument tas-sejħa għall-offerti). F'din is-sejħa, l-awtorità kontraenti għamlitha wkoll ċara li: *«No one OPTION will be given preference over another OPTION, and whoever submits the Cheapest Technically Compliant Offer, irrelevant of the OPTION chosen, will be awarded the Tender»* (estratt meħud minn paragrafu 1.3 tat-tielet taqsima tad-dokument tas-sejħa).

6. Fit-23 ta' Awwissu 2022, jiġifieri qabel l-għeluq tas-sejħa, id-Dipartiment tal-Kuntratti ppubblika nota ta' kjarifika, li taqra kif ġej:

> *«To all prospective bidders*
>
> *Reference is made to the above-captioned tender for which the deadline for submission of offers is 27th September 2022 at 09:30am.*
>
> ***Please find a clarification which is construed to form an integral part of the tender document.***
>
> ***Question No. [01]: Kindly confirm that products with clinical evidence showing comparable outcomes for the intended use of the requested product will also be considered for evaluation purposes.***
>
> ***Answer No. [01]: As long as the Economic Operator can prove, in his/her Tender Submission, that what is being offered is equal or better than that being requested in the published specifications, then this will be considered acceptable. All relevant proof will need to be submitted by the bidder however, for this to be considered acceptable.***
>
> *All other tender documents, conditions and requirements, which are not*

*superseded by this clarification remain in place.»*

7. Fost l-operaturi ekonomiċi li ressqu l-offerta tagħhom għal din is-sejħa pubblika kien hemm il-kumpanija appellanti Cherubino Limited.

8. B'deċiżjoni mitbugħa fil-15 ta' Settembru, 2023, id-Dipartiment tal-Kuntratti ħabbar li waqt laqgħa miżmuma fil-31 ta' Awwissu, 2023, il-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti rrakkomanda t-tħassir tas-sejħa għall-offerti inkwistjoni u li d-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment qabel ma' dik ir-rakkomandazzjoni.

9. B'avviż mibgħut fl-istess jum, id-Dipartiment tal-Kuntratti għarraf lil Cherubino Limited li s-sejħa għall-offerti li ħadet sehem fiha kienet qiegħda tiġi mħassra u dan għal dawn ir-raġunijiet:

*«the economic or technical parameters of the Project have been altered.*

*1. The EC recognizes the fact that the specifications presented in the Tender Dossier are to be updated to cover the advances in the technology for holmium and thulium lasers so that two more versatile machines can be procured which will be able to cater for all the requirements of the Urology Department.*

*2. The EC also noted that the present specifications present a fundamental flaw in the technical offer form for items A3.1.1 and B3.1.1. The wavelength bandwith specified, covers both the holmium and thulium laser wavelengths such that there is no differentiation between the 2 bandwidths. For clarity: A holmium laser has a wavelength of 2100nm. A thulium laser has a wavelength varying from 1940 – 2013nm. Specifications describe a wavelength ranging from 2000nm – 2100nm (2100 +/- 100nm). This covers both lasers simultaneously and therefore, cannot be considered as a suitable specification. Specification needs to be amended so that the two lasers can be clearly differentiated, since a thulium laser can be offered instead of a holmium*

*laser and be technically compliant and vice versa i.e. a holmium laser can be offered instead of a thulium laser and this will still be technically compliant.»*

10. Billi Legacy Ventures Limited ħassitha aggravata bid-deċiżjoni dwar it-tħassir tas-sejħa għall-offerti inkwistjoni, fil-25 ta' Settembru, 2023, hija ressqet ittra ta' oġġezzjoni quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi. Hemmhekk hija argumentat li t-tħassir tas-sejħa ma sarx għal raġunijiet tajba u kien ukoll sproporzjonat. Ilmentat ukoll li l-kumitat ta' evalwazzjoni aġixxa lil hemm mis-setgħat tiegħu meta rrakkomanda t-tħassir tas-sejħa.

11. B'deċiżjoni mogħtija fit-2 ta' April, 2024, il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi, iddeċieda l-każ hekk:

*«Whereby, the Appellant based their appeal on a preliminary grievance and main grievances.*

*As a preliminary claim the Appellant contends that Contracting Authority did not answer its request for information about the composition of the evaluation committee,*

*The Contracting Authority contended that it was never notified of such a request as the information requested was made to the Department of Contracts, that this information is never disclosed anyway and that the lack of disclosure did not affect the notice of cancellation.*

*The Board proceeded to hear the merits of the appeal.*

*Main Grievance:*

*The Appellant contended that;*

*A. The cancellation of the tender in terms of General Rule 18.3 was incorrect as there was no change in the economic or technical parameters and the cancellation is not justified as there has been no advancement in technology.*

*B. That the evaluation committee acted ultra vires in going against its permitted function*

*C. The principle of proportionality was totally ignored as among other points once prices were divulged competition was removed.*

*The above was counter argued by the Contracting Authority as follows:*

*A. The cancellation was the appropriate course due to the advances in technology and knowledge.*

*B. That the Contracting Authority and the Director of Contracts acted within their rights in cancelling the tender under General Rule 18 and did not act ultra vires.*

*C. The decision to cancel affected equally all bidders who will be given another chance to compete in an eventual issuance of a tender with new specifications in line with technological advancement.*

*After the Board considered the arguments and documentation submitted by all parties, and the testimonies of the witnesses heard:*

*This Board opines that,*

*A. Change in parameters*

*Change in parameters is denoted considering that;*

*The original tender specifications requested two options, either a holmium laser (with anti-retropulsion technology, utilized alongside stone basket technology for lithotripsy) and a thulium laser (designated for tissue cutting and ablation with moderate haemostasis in various urological procedures, including bladder, prostatic resection, and ureter sections of the patient), to perform two different functions (option A) or a hybrid machine (holmium/thulium) to perform both functions (option B). Presently, a single thulium laser may effectively fulfil all the services required, thus addressing both functions. This underscores the evolution in technology and its implications for optimizing procurement processes. In the health sector procuring the latest technology is paramount.*

*B. Evaluation Committee - Ultra Vires*

*The decision to cancel ultimately lies with the Contracting Authority and the Director of Contracts, as clearly outlined in Article 18 of the General Rules Governing Tenders. This authority's prerogative to cancel the tender process is firmly established. Therefore, both the Contracting Authority and the Central Governing Authority were well*

*within their rights to make this decision, and it cannot be considered ultra vires.*

*C. Proportionality*

*While it would have been more appropriate for the tender to be cancelled before prices were disclosed, it's essential to acknowledge that with an eventual call for a new tender necessitating different specifications due to evolving technology, the prices indicated in this tender are unlikely to remain valid. Furthermore, it's crucial to note that the decision was applied equally to all bidders.*

*In view of the above,*

*This Board therefore concludes and decides that:*

*a) Does not uphold the Appellant's Letter of objection.*

*b) Upholds the Contracting Authority's decision to cancel the tender.*

*c) Directs that the deposit paid by the Appellant is not reimbursed.»*

12. Cherubino Limited ma qablitx ma' din id-deċiżjoni u b'rikors tal-appell imressaq fit-22 ta' April, 2024, hija talbet lil din il-Qorti biex: (i) tħassar id-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi tat-2 ta' April, 2024; (ii) tħassar il-kanċellament tas-sejħa għall-offerti inkwistjoni; (iii) tibgħat il-każ lura quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi sabiex jerġa' jitratta u jiddeċiedi l-każ, jew inkella jibgħat il-każ lura quddiem il-kumitat ta' evalwazzjoni kif diversament kompost sabiex jerġa' jitratta u jiddeċiedi l-każ fid-dawl ta' dak li tiddeċiedi din il-Qorti; (iv) tordna sabiex jintraddilha lura d-depożitu li ħallset biex ressqet l-oġġezzjoni ta' quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi; u (v) tieħu dawk l-azzjonijiet meħtieġa biex dak li jiġi deċiż mill-Qorti, jiġi mwettaq, bl-ispejjeż kollha kontra l-appellati jew min minnhom.

13. Bi tweġiba mressqa fid-29 ta' April, 2024, Central Procurement and Supplies Unit (minn issa 'l quddiem imsejħa *«CPSU»*), fissret għalfejn l-appell ta' Cherubino Limited għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż. Żiedet li anke f'każ li din il-Qorti ma tkunx konvinta mir-raġuni li ngħatat dwar it-tħassir tas-sejħa għall-offerti inkwistjoni, il-Qorti xorta waħda għandha tordna t-tħassir tas-sejħa bis-setgħat mogħtija lilha **b'Regolament 90(3) tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**.

14. Bi tweġiba mressqa fit-13 ta' Mejju, 2024, id-Dipartiment tal-Kuntratti saħaq ukoll li l-aggravji ta' Cherubino Limited mhumiex mistħoqqa u li għalhekk l-appell tagħha għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontriha.

15. Inżamm smigħ fit-18 ta' Ġunju, 2024, li matulu l-avukati tal-partijiet trattaw l-appell, u minn hemmhekk l-appell tħalla għas-sentenza għal-lum.

**Konsiderazzjonijiet**:

16. Cherubino Limited qiegħda ssejjes l-appell tagħha fuq erba' aggravji, li fil-qosor ħafna huma dwar:

a) li s-sejħa għall-offerti inkwistjoni tħassret mingħajr ma kien meħtieġ;

b) li l-kumitat tal-evalwazzjoni aġixxa *ultra vires* fir-rakkomandazzjoni tiegħu dwar it-tħassir tas-sejħa inkwistjoni;

c) li t-tħassir tas-sejħa wassal għall-ksur tal-prinċipju ta' proprozjonalità u fixkel il-proċess ta' kompetizzjoni; u

d) li f'kull każ, il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi kellu jordna r-radd lura tad-depożitu li ħallset biex ressqet l-oġġezzjoni quddiemu.

17. Peress li fit-**tieni aggravju**, Cherubino Limited qiegħda targumenta li t-tħassir tas-sejħa ma jiswiex għaliex sar fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni li mhuwiex mogħni b'setgħat li jagħmel rakkomandazzjonijiet bħal dawk, il-Qorti sejra tkun qiegħda titlaq billi qabel xejn tqis dan l-aggravju, għaliex jekk jirriżulta li huwa mistħoqq, ikun ta' xejn għall-Qorti li toqgħod tidħol fil-kwistjoni dwar jekk it-tħassir tas-sejħa inkwistjoni kienx meħtieġ jew inkella proporzjonat.

18. F'dan ir-rigward Cherubino Limited tibda billi tirreferi għal dak li ssejjaħlu bħala l-qsim tal-irwoli fis-settur tal-akkwist pubbliku u tfisser li x-

xogħol tal-membri tal-kumitat ta' evalwazzjoni huwa differenti minn ta' dawk in-nies li jkunu involuti fl-istadju bikri tas-sejħa, u sewwasew dawk li jwettqu analiżi tas-suq u jfasslu d-dokument tas-sejħa. Tgħid li huwa f'idejn dawn tal-aħħar li jiddettaw l-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa, filwaqt li xogħol il-kumitat ta' evalwazzjoni huwa biss li jgħarbel l-offerti mitfugħa, u dan skont kif dettat fl-ewwel fażi.

19. Issostni dan billi tirreferi għad-definizzjoni ta' *«kumitat ta' evalwazzjoni»* f'**Regolament 2 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**, kif ukoll lejn ċirkulari maħruġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti (*public procurement policy note #14)* li fiha, l-irwol tal-kumitat ta' evalwazzjoni, tfisser hekk: *«An Evaluation Committee's role is the evaluation of offers submitted by Economic Operators in response to a Procurement Call. They are tasked to check the compliance of the submissions against the instructions and requirements as detailed in the Procurement Document. Thereafter, the Evaluation Committee makes its recommendation through the Evaluation Report.»*

20. F'dan l-isfond, targumenta li mhuwiex xogħol il-kumitat ta' evalwazzjoni li jirrakkomanda t-tħassir ta' sejħa pubblika għall-offerti, u tisħaq, li f'dan il-każ, il-kumitat ta' evalwazzjoni li nħatar sabiex jgħarbel l-offerti tas-sejħa inkwistjoni, aġixxa lil hemm mill-funzjonijiet tiegħu, peress li kien hu stess li propona t-tħassir tas-sejħa.

21. Cherubino Limited tirreferi mbagħad lejn il-konsiderazzjonijiet tad-deċiżjoni appellata, u tirraġuna li huwa ta' xejn li d-Dipartiment tal-Kuntratti approva dak li qal il-kumitat tal-evalwazzjoni, u dan għaliex fid-dawl tal-prinċipju ta' *«quod nullum est, nullum producit effectum»,* dak li ma setax jitwettaq mill-kumitat tal-evalwazzjoni ma seta' jħalli l-ebda effett.

22. Tagħlaq billi targumenta li l-evalwazzjoni hija għalhekk imtappna u tisħaq li għandha ssir mill-ġdid minn kumitat ta' evalwazzjoni b'persuni differenti, li għandhom jieħdu qies tal-ispeċifikazzjonijiet kollha tas-sejħa, inkluż dawk tan-noti ta' kjarifika.

23. Fuq ix-xaqliba l-oħra, id-Dipartiment tal-Kuntratti kritika dan l-aggravju bil-qilla, tant li fissru bħala *«assurd».* Hekk ukoll, l-appellata CPSU, lanqas ma qablet ma' dan l-aggravju.

24. Mingħajr tlaqliq jingħad li l-appellati għandhom raġun jgħidu li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq.

25. Għalkemm veru li kien il-kumitat tal-evalwazzjoni li nstiga t-tħassir tas-sejħa, mill-avviż li nħareġ mid-Dipartiment tal-Kuntratti għall-pubbliku fil-15 ta' Settembru, 2023, jidher li kien id-Direttur Ġenerali tad-

Dipartiment tal-Kuntratti li ordna t-tħassir tas-sejħa inkwistjoni, u dan wara li kien il-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti (u mhux il-Kumitat tal-Evalwazzjoni) li fl-aħħar mill-aħħar irrakkomandalu t-tħassir tas-sejħa għall-offerti.

26. Kif qiegħed jingħad sewwa mid-Dipartiment tal-Kuntratti, jaqa' fis-setgħat tad-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti li fi proċeduri għall-akkwist bħal dik inkwistjoni *«japprova ... il-kanċellament ta' proċedura ta' offerti»* (ara **Regolament 13(ċ) tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**) u fuq hekk biss, żgur li ma jistax jingħad li t-tħassir tas-sejħa ma jiswiex.

27. Fuq kollox, Cherubino Limited lanqas m'għandha raġun tgħid li l-kumitat tal-evalwazzjoni ma jistax jirrakkomanda t-tħassir ta' sejħa għall-offerti.

28. Kemm id-definizzjoni li saret referenza għaliha fir-rikors tal-appell, kif ukoll iċ-ċirkulari msemmija, ifissru li wieħed mill-irwoli ewlenin tal-kumitat ta' evalwazzjoni huwa dak li jagħmel «*ir-rakkomandazzjonijiet*» dwar l-offerti riċevuti.

29. Imkien però ma nsibu li r-rakkomandazzjonijiet li jista' jagħmel il-Kumitat ta' Evalwazzjoni, iridu jkunu bilfors dwar jekk hemmx offerta li tissodisfa l-kriterji tal-għotja, u f'każ bħal dak, liema offerta għandha

titqies rebbieħa.

30. Mod ieħor, minn qari ta' **Regolament 17(1)(b) tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**, flimkien ma' **Regolament 241** tal-istess Regolamenti, jidher li hemm bosta rakkomandazzjonijiet li jistgħu jsiru — inkluż li l-kuntratt m'għandu jingħata lil ebda mill-offerenti.

31. Tassew, f'**Regolament 17(1) tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**, insibu li l-kumitat ta' evalwazzjoni għandu ***«jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet permezz ta' rapport ta' evalwazzjoni».*** **F'sub-paragrafu (b) tal-istess Regolament**, imbagħad insibu li fil-każ ta' sejħa għall-offerti, bħal dik inkwistjoni (li l-valur stmat tagħha jaqa' fil-limitu stabbilit f'**Regolament 9(1)(b)** tal-istess Regolamenti) ir-rapport ***«għandu jiġi mħejji skont Regolament 241»***.

32. Jekk imbagħad nagħtu titwila lejn **Regolament 241 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku** u speċifikatament lejn **paragrafu (g) tat-tieni subinċiż (2)**, naraw li waħda mir-raġunijiet li jistgħu jitniżżlu fir-rapport hija sewwasew dwar għalfejn il-kuntratt m'għandux jingħata.

33. Fil-fehma tal-Qorti dan kollu juri li huwa fil-*vires* tal-kumitat ta' evalwazzjoni, li fir-rapport, joħroġ b'rakkomandazzjoni għat-tħassir tas-

sejħa — basta li jagħti r-raġunijiet wara dik ir-rakkomandazzjoni.

34. Hekk għamel il-kumitat ta' evalwazzjoni f'dan il-każ, u allura ma jistax jingħad li aġixxa *ultra vires*.

35. **It-tieni aggravju** ta' Cherubino Limited mhuwiex għalhekk fejjiedi u qiegħed jiġi **miċħud**.

36. B'daqshekk però ma jfissirx li r-rakkomandazzjoni tal-kumitat ta' evalwazzjoni kienet tajba fis-sustanza, u dan għaliex dak għad irridu narawh fil-paragrafi li jmiss, aħna u nistħarrġu l-ewwel u t-tielet aggravji ta' Cherubino Limited.

37. Fl-**ewwel aggravju**, Cherubino Limited qiegħda tisħaq li t-tħassir tas-sejħa pubblika inkwistjoni sar mingħajr ma kien meħtieġ.

38. Għalkemm taċċetta li hija fid-diskrezzjoni tal-awtorità kontraenti li tagħżel jekk tkomplix għaddejja b'sejħa għall-offerti jew inkella tħassarhiex, Cherubino Limited targumenta li f'każ li l-awtorità kontraenti tagħżel it-triq tat-tħassir tas-sejħa, dik id-deċiżjoni għandha tkun kemm meħtieġa, kif ukoll ġusitifikata.

39. Targumenta li b'kuntrarju għal dak li kkonkluda l-Bord, f'dan il-każ,

l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-sejħa, kienu wiesgħa biżżejjed li jaħsbu għal titjib fit-teknoloġija, u minħabba f'hekk, tinsisti li fiċ-ċirkostanzi t-tħassir tas-sejħa ma kienx meħtieġ.

40. Sfiq ma' dan, Cherubino Limited tirreferi għall-kjarifika li nħarġet mid-dipartiment tal-kuntratti fit-23 ta' Awwissu, 2022 (ara paragrafu sitta ta' din is-sentenza), u minbarra li tisħaq li tali kjarifika tifforma parti integrali mid-dokument tas-sejħa, targumenta li b'dik il-kjarifika, l-awtorità kontraenti tat l-opportunità lill-offerenti sabiex jekk ikunu kapaċi juru li l-prodott offrut minnhom, kien minn tal-inqas sejjer jilħaq l-għanijiet imfittxija minnha, jew ikun aħjar minn dak mitlub, dak kien sejjer jitqies aċċettabbli u allura konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa.

41. Tissokta billi tilmenta li għalkemm hija qajmet dan il-punt quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi, dak il-Bord naqas milli jagħmel xi konsiderazzjoni rilevanti fir-rigward. Skont Cherubino l-kjarifika tat-23 ta' Awwissu, 2022, kellha xxejjen kull dubju dwar l-element wiesgħa tas-sejħa pubblika inkwistjoni, u f'dan ir-rigward, ittenni li fiċ-ċirkostanzi, it-tħassir tas-sejħa la huwa meħtieġ u lanqas ekwu, għaliex il-ħruġ ta' sejħa ġdida ma sejjer ikun qiegħed ibiddel xejn fis-sustanza.

42. Cherubino Limited tkompli tibni fuq dawn l-argumenti fit-**<u>tielet aggravju</u>** u hemmhekk tisħaq li t-tħassir tas-sejħa sar ukoll bi tkasbir tal-

prinċipju ta' proporzjonalità, kif ukoll sejjer ikun qiegħed ixekkel il-proċess tal-kompetizzjoni.

43. F'dan ir-rigward, Cherubino Limited tirreferi għal xi ġurisprudenza u targumenta jekk it-tħassir tas-sejħa ma jkunx assolutament meħtieġ, dan m'għandux isir għaliex iwassal biss biex jikser il-*par conditio* bejn l-oblaturi.

44. Tfakkar li s-sejħa inkwistjoni tħassret wara li l-offerti nfetħu u l-prezzijiet ġew mikxufa, u fid-dawl ta' dan tirraġuna li t-tħassir tas-sejħa sejjer ikun qiegħed iwassal biex jagħti ċans lil min ħa sehem fis-sejħa inkwistjoni biex jitfa' offerta bi prezz orħos minn qabel, u dan bi żvantaġġ kbir għaliha li f'din is-sejħa hija ssottomettiet l-orħos offerta, bi prodott, li fi kliemha, huwa bl-aħjar teknoloġija li hawn fis-suq.

45. Tagħlaq billi tosserva li l-awtorità kontraenti saħansitra naqset milli tfisser kif l-isptar u l-pazjenti sejrin jibbenefikaw bil-kanċellament tas-sejħa inkwistjoni, u dan meta, fi kliemha, hija offriet l-aħjar prodott fis-suq, bl-orħos prezz fuq kull offerta oħra.

46. Min-naħa tagħha l-appellata **CPSU** laqgħet għal dawn l-aggravji billi, fost affarijiet oħra, stqarret li dak li seħħ f'dan il-każ kien, li waqt l-għarbiel tal-offerti, l-awtorità kontraenti ntebħet li hemm teknoloġija ġdida,

li biha, laser tat-tip *Thulium* seta' jagħmel ukoll il-funzjonijiet li qabel seta' jagħmilhom biss laser tat-tip *Holmium*.

47. Tirreferi mbagħad għall-kjarfika msemmija minn Cherubino, u filwaqt li tistqarr li dik il-kjarifika kienet *«tgħid li prodott ekwivalenti kien se jkun qed jiġi kkonsidrat»*, madankollu tfisser li tali kjarifika ma kinitx biżżejjed biex tindirizza dik li hija qieset bħala *«lacuna»* fis-sejħa.

48. Tissokta billi tiġbed l-attenzjoni li t-tweġiba tad-Dipartiment tal-Kuntratti għall-mistoqsija mertu tan-nota ta' kjarifika, la kienet *«iva»,* u lanqas ma semmiet xejn dwar *«comparable outcomes»,* iżda qalet biss *«li offerti ekwivalenti jew aħjar kienu ser jiġu aċċettati.».* Tfakkar ukoll li wieħed għandu japprezza li dik in-nota ta' kjarifika, inħarġet qabel ma beda l-istadju tal-għarbiel tal-offerti, u għalhekk kienet waħda ġenerika.

49. B'rabta sħiħa ma' dan, tistaqsi kif il-kumpanija appellanti tista' qatt tgħid li l-prodott offrut minnha huwa ekwivalenti jew aħjar minn dak li kien mitlub fis-sejħa, u filwaqt li ttenni li hija ntebħet bl-iżviluppi fit-teknoloġija waqt l-għarbiel tal-offerti, tirreferi għax-xhieda li taw uħud mill-membri tal-kumitat tal-evalwazzjoni quddiem il-Bord, u tgħid li t-tħassir tas-sejħa kien meħtieġ għaliex dawk il-membri dehrilhom li t-teknoloġija l-ġdida għandha tkun mistħarrġa aħjar u eventwalment inkorporata fil-parametri ta' sejħa ġdida li tagħti *«lok għal offerti komparabbli.»*

50. Dwar it-tielet aggravju, l-appellata CPSU tibda mbagħad billi tikkonċedi li l-prinċipju ta' proporzjonalità huwa wieħed mill-pilastri ewlenin tad-Dritt Komunitarju. Tfisser ukoll li dan il-prinċipju huwa mwaqqaf fl-**Artikolu 5 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea**, li jitlob li dak li jkun sejjer jitwettaq m'għandux jeċċedi dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu l-istess għanijiet.

51. F'dan il-qafas, tfisser li f'dan il-każ, hija ser tkun qiegħda tixtri apparat li sejjer ikun qiegħed jintuża għall-għaxar snin li ġejjin, u għalhekk filwaqt li hija konxja mir-responsabbiltajiet tagħha lejn l-operaturi ekonomiċi li ħadu sehem fis-sejħa inkwistjoni, kif ukoll li tħares il-kompetizzjoni, fl-istess waqt hija għandha wkoll responsabbiltajiet oħrajn, speċjalment lejn il-pubbliku in ġenerali u l-pazjenti li sejrin ikunu qegħdin jużaw dak l-apparat mediku għas-snin li ġejjin. Tirraġuna għalhekk, li ġaladarba hija saret taf b'avvanzi fit-teknoloġija li dehrilha li kellha tikkunsidra, il-kanċellament tas-sejħa kien wieħed proporzjonat sabiex tilħaq l-għanijiet tagħha.

52. CPSU tagħlaq imbagħad billi tgħid li l-Bord qal ukoll sewwa, li fl-aħħar mill-aħħar, is-sejħa inkwistjoni nħarġet fis-sena 2022, u għalhekk sakemm tinħareġ sejħa oħra, il-prezzijiet offruti, wisq probabbli mhux sejrin jibqgħu rilevanti għaliex ikunu nbidlu, u għalhekk l-appellanti mhux

sejra tkun qiegħda tbati l-preġudizzju li qiegħda tilmenta dwaru.

53. Bħas-CPSU, **id-Dipartiment tal-Kuntratti** qiegħed jiddefendi d-deċiżjoni tat-tħassir tas-sejħa u jinsisti, li kemm l-ewwel, kif ukoll it-tielet aggravji ta' Cherubino Limited, mhumiex mistħoqqa.

54. Madankollu, b'differenza għas-CPSU, id-Dipartiment tal-Kuntratti jitlaq billi jistqarr li ***«għandha raġun l-appellanti tgħid li s-Sejħa hija wiesgħa biżżejjed sabiex offerta tal-aħjar teknoloġija fis-suq tiġi meqjusa konformi.»*** Skont id-Dipartiment tal-Kuntratti, dan però ma jbiddel xejn mill-fatt li t-tħassir tas-sejħa xorta waħda kien fiċ-ċirkostanzi raġonevoli u meħtieġ.

55. F'dan ir-rigward, id-Dipartiment tal-Kuntratti jfisser li l-kriterju tal-għotja ta' din is-sejħa kienet l-orħos offerta li tissodisfa l-kriterji tekniċi u amministrattivi, u peress li l-ispeċifikazzjonijiet minimi tas-sejħa kienu jirreferu għal teknoloġija li llum hija meqjusa antikwata, dan seta' ġab miegħu l-possibbiltà li l-orħos offerta tkun bi prodott li jilħaq il-kriterji minimi tas-sejħa, bil-konsegwenza li l-awtorità kontraenti tispiċċa b'daharha mal-ħajt li takkwista magni li taf li llum-il ġurnata huma teknoloġikament antikwati u li bihom ma tistax tagħti l-aqwa servizz possibbli lill-pazjenti fis-snin li ġejjin.

56. Iżid li la s-sejħa kienet tippermetti offerti b'teknoloġija inqas avvanzata, mela allura jaf ukoll kien hemm operaturi ekonomiċi li għalkemm kellhom l-aktar teknoloġija avvanzata, dawn xorta waħda ma ħadux sehem fis-sejħa għaliex minħabba l-kriterju tal-għotja tas-sejħa, dawn ma kellhomx inċentiv li jikkompetu ma' min kien sejjer ikun qiegħed joffri makkinarju b'teknoloġija inqas avvanzata, li fi kliemu, hija probabbilment orħos.

57. Jgħid ukoll li anke dawk l-oblaturi li ħadu sehem fis-sejħa għall-offerti inkwistjoni, seta' wkoll kellhom f'idejhom magni bl-aħjar teknoloġija, però jista' jkun il-każ li dawn għażlu li ma joffruhiex biex ikunu aktar kompetittivi fil-prezz, jew sempliċement għaliex l-awtorità kontraenti ma kinitx qiegħda tfittex li tikseb magni b'dik it-teknoloġija.

58. F'dan il-qafas, id-Dipartiment tal-Kuntratti jargumenta li dak li għandu jiddetermina jekk it-tħassir tas-sejħa inkwistjoni kienx raġonevoli jew le, huwa l-apprezzament tal-fatti rilevanti, u sewwasew jekk l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-sejħa inkwistjoni kinux jippermettu li jiġu offruti magni li llum-il ġurnata ġew superati minn teknoloġija li tista' tilħaq ħafna aħjar il-ħtiġijiet tal-awtorità kontraenti. Skont id-Dipartiment tal-Kuntratti, il-fatti kollha tal-każ juru propju dan, tant li anke l-appellanti ma kkontestatx dan.

59. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mat-tielet aggravju, id-Dipartiment tal-Kuntratti jwieġeb li hawnhekk Cherubino Limited qiegħda ttenni dak li diġà qalet fl-ewwel aggravju.

60. B'mod partikolari, ifisser li l-ħtieġa tat-tħassir tas-sejħa inkwistjoni tirriżulta mill-fatt li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi m'għandhomx jagħmlu sens fid-dawl tal-avvanzi fit-teknoloġija, u għalhekk dan mhuwiex xi każ fejn qiegħda titħassar sejħa għall-offerti biex tiġi ppubblikata oħra mill-ġdid għall-istess prodott bl-istess speċifikazzjonijiet tekniċi. Skont id-Dipartiment tal-Kuntratti, dan huwa biżżejjed biex it-tielet aggravju ta' Cherubino jiġi miċħud.

61. Fil-fehma tal-Qorti, kemm l-ewwel kif ukoll it-tielet aggravji ta' Cherubino Limited huma mistħoqqa.

62. Jibda billi jiġi osservat li fit-tweġiba għall-appell, l-appellata CPSU stess qiegħda tistqarr, li r-raġuni ewlenija għalfejn dehrilha li l-parametri tekniċi tas-sejħa kellhom jinbidlu, kienet sewwasew minħabba l-iżvilupp fit-teknoloġija tal-*lasers* tat-tip *Thulium*, (teknikament imsejħa bħala *«Hybrid Thulium Laser»* jew fil-qosor *«HTL»*), li bis-saħħa tiegħu, *laser* tat-*Thulium* seta' jaqdi kemm il-funzjonijiet li jsiru minn *laser* tradizzjonali tat-*Thulium*, kif ukoll dawk li qabel dan l-iżvilupp setgħu jsiru biss b'*Holmium laser*.

63. L-istess ġie mistqarr fil-proċeduri ta' quddiem il-Bord, minn Jesmond Farrugia, li jaħdem bħala *operations manager* fil-*Biomedical Engineering Division* tal-isptar Mater Dei, u li kien wieħed mill-membri tal-kumitat ta' evalwazzjoni li rrakkomanda t-tħassir tas-sejħa li wasslet għal din it-tilwima. Kemm hu hekk, Farrugia fisser: *«Issa indunajna waqt li konna qegħdin nevalwaw teżisti din it-teknoloġia li ilna nsemmu ħafna llum, din tar-Revolix HTL li għalina kienet teknoloġija ġdida. U b'hekk konna ddeċidejna li nirrakkomandaw li jista' jkun hemm xi cancellation tat-tender biex ikun hemm kif qal Dr. Mattocs iżjed kmieni, ikollna visibility ta' teknoloġija ġdida bħal din li qegħdin insemmu».*

64. Għalkemm li minn dan, il-Qorti qiegħda tifhem li meta ġiet biex tfassal id-dokument tas-sejħa, l-appellata CPSU ma kellhiex oriġinarjament f'moħħha li takkwista magni b'teknoloġija avvanzata bħal dik tal-*hybrid thulium laser,* għaliex kien biss waqt l-għarbiel tal-offerti li hija ntebħet b'tali avvanz fit-teknoloġija, b'daqshekk, dan la jfisser li l-parametri tekniċi tas-sejħa ġew awtomatikament mibdula, u wisq inqas li l-aqwa soluzzjoni fiċ-ċirkostanzi kienet it-tħassir tas-sejħa inkwistjoni biex tinħareġ oħra bi speċifikazzjonijiet ġodda li jirriflettu dawk l-avvanzi fit-teknoloġija.

65. Kif tifhimha din il-Qorti, f'ċirkostanzi bħal dawk tal-każ tal-lum, l-

ewwel ħaġa li l-awtorità kontraenti kellha tagħmel qabel ma taqbad u tirrakkomanda t-tħassir tas-sejħa għall-offerti, kien, li qabel xejn tqis, jekk id-dokument tas-sejħa kif moqri flimkien mal-kjarifiki li nħarġu mid-Dipartiment tal-Kuntratti, kinux jagħmluha possibbli li magni b'teknoloġija aktar avvanzata u bi speċifikazzjonijiet aqwa minn dawk imsemmija fid-dokument tas-sejħa, setgħux jiġu sottomessi u possibbilment jitqiesu bħala teknikament konformi.

66. Għalkemm veru li fil-proċeduri ta' quddiem il-Bord, kemm il-konsulent uroloġista Stephen Mattocks, kif ukoll Jesmond Farrugia taw l-impressjoni li s-sejħa inkwistjoni ma kinitx taħseb għall-akkwist ta' prodotti b'teknoloġija avvanzata bħal dik tal-*hybrid thulium laser,* madankollu, meta ġie biex iwieġeb għal dan l-appell id-Dipartiment tal-Kuntratti stqarr ċar u tond li: ***«għandha raġun l-appellanti tgħid li s-Sejħa hija wiesgħa biżżejjed sabiex offerta tal-aħjar teknoloġija fis-suq tiġi meqjusa konformi.»***

67. Fil-fehma tal-Qorti stqarrija bħal din titkellem waħedha, u l-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex toqogħod fuq dak mistqarr mid-Dipartiment tal-Kuntratti, li fl-aħħar mill-aħħar, kien huwa stess li ħareġ in-nota ta' kjarifika tat-23 ta' Awwissu, 2022 u għalhekk huwa raġonevolment fl-aħjar qagħda li jaf x'ried ifisser biha.

68. Anke però li kieku stess id-Dipartiment tal-Kuntratti m'għamilx l-istqarrija msemmija, il-fatt li l-parametri tas-sejħa inkwistjoni huma wiesgħa u flessibbli biżżejjed sabiex jaħsbu għall-akkwist ta' prodotti bl-aħħar u l-aktar teknoloġija avvanzata fis-suq, jirriżulta wkoll mill-kontenut tan-nota ta' kjarifika tat-23 ta' Awwissu, 2022, li ġie riprodott aktar kmieni f'paragrafu 6 ta' din is-sentenza.

69. Tassew, minn titwila lejn in-nota ta' kjarifika tat-23 ta' Awwissu, 2022, jirriżulta li għall-mistoqsija: *«**Kindly confirm that products with clinical evidence showing <u>comparable outcomes for the intended use of the requested product will also be considered</u> for evaluation purposes**»,* id-Dipartiment tal-Kuntratti wieġeb fl-affermattiv, tant li kiteb iswed u fuq l-abjad li — sakemm l-offerent iressaq il-provi rilevanti u juri li l-prodott offrut minnu jkollu speċifikazzjonijiet li huma indaqs jew aqwa minn dawk mitluba: *«**then <u>this</u> will be considered acceptable**».*

70. Kemm kif tniżżel fuq in-nota ta' kjarifika stess, kif ukoll minn dak li nsibu **f'Regolament 38(5) tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku** jirriżulta li kjarifika bħal dik tat-23 ta' Awwissu, 2022, tifforma parti integrali mid-dokument tas-sejħa, u fid-dawl tal-osservazzjonijiet li għadhom kif isiru, diġà jidher li l-kumpanija appellanti għandha raġun fil-prinċipju li l-kjarifika tat-23 ta' Awwissu, 2022 wessgħet il-parametri tas-sejħa inkwistjoni.

71. Il-mistoqsija li inevitabbilment tqum f'dan l-istadju, hija: — jekk skont id-Dipartiment tal-Kuntratti stess, is-sejħa inkwistjoni kienet wiesgħa biżżejjed, biex makkinarju bl-aħjar teknoloġija fis-suq xorta waħda seta' jitqies konformi, mela allura, għalfejn kien hemm il-ħtieġa li jiġu aġġornati l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-sejħa inkwistjoni, sabiex jaħsbu għall-avvanzi fit-teknoloġija rilevanti?

72. Jidher li d-Dipartiment tal-Kuntratti stess antiċipa din il-mistoqsija, tant li fit-tweġiba għall-appell, huwa fisser li t-tħassir tas-sejħa xorta waħda kien meħtieġ: (i) kemm għaliex il-kriterju tal-għotja tas-sejħa kien dak tal-orħos offerta li tissodisfa l-kriterji tekniċi u amministrattivi; (ii) kif ukoll għaliex l-ispeċifikazzjonijiet minimi tas-sejħa kienu jirreferu għal teknoloġija li llum hija meqjusa antikwata u li biha l-awtorità kontraenti ma setgħetx tagħti l-aqwa servizz possibbli lill-klijenti għas-snin li ġejjin. Skont id-Dipartiment tal-Kuntratti, dawn l-elementi setgħu ġabu magħhom il-possibbiltà li l-orħos offerta tkun bi prodott li jilħaq il-kriterji minimi tas-sejħa, bil-konsegwenza li l-awtorità kontraenti tispiċċa daharha mal-ħajt li takkwista magni, li taf, li llum-il ġurnata, it-teknoloġija tagħhom ġiet superata b'teknoloġija aktar avvanzata.

73. Il-Qorti filwaqt li ma tistax teskludi l-prospett imsemmi mid-Dipartiment tal-Kuntratti, fl-istess waqt tqis li d-Dipartiment appellat

infaxxa rasu qabel ma qasamha. Dan għaliex, ġaladarba d-Dipartiment tal-Kuntratti stess ammetta li s-sejħa inkwistjoni kienet wiesgħa biżżejjed sabiex offerta tal-aħjar teknoloġija fis-suq setgħet tiġi meqjusa konformi, huwa ma setax jeskludi *a priori* li l-orħos offerta li tissodisfa l-kriterji tekniċi u amministrattivi ma kinitx ser tkun waħda li fiha kienet qiegħda tiġi offruta dik it-teknoloġija avvanzata u versatili kif issa mixtieqa mill-awtorità kontraenti.

74. Dan jgħodd aktar u aktar hekk kif jiġi meqjus, li f'dan il-każ, Cherubino Limited qiegħda tgħid li hija offriet magni bl-aqwa teknoloġija rilevanti fis-suq, u mir-rapport uffiċjali tal-ftuħ tal-offerti jidher li hija l-istess Cherubino li ssottomettiet l-orħos offerta minn fost l-offerenti kollha.

75. Qabel ma tittieħed deċiżjoni formali mill-kumitat ta' evalwazzjoni dwar jekk l-offerta ta' Cherubino Limited hijiex teknikament konformi jew le, il-possibbiltà li s-sejħa inkwistjoni twassal għall-akkwist ta' prodott versatili u teknoloġikamet avvanzat bħalma jidher li huwa mixtieq mill-awtorità kontraenti, tibqa' hemm, u f'ċirkostanzi bħal dawn, it-tħassir tas-sejħa inkwistjoni la jista' jitqies meħtieġ u wisq inqas raġonevoli.

76. Fis-sewwa la huwa ġust fuq Cherubino Limited, u lanqas ma jagħmel sens għall-awtorità kontraenti li tħassar is-sejħa inkwistjoni biex imbagħad toħroġ sejħa oħra għall-akkwist ta' magni bi speċifikazzjonijiet

bħal dawk li possibbilment setgħet takkwista b'din is-sejħa.

77. Lanqas ma jiswa għad-Dipartiment tal-Kuntratti li jargumenta li f'dan il-każ, seta' kien hemm offerenti oħrajn li ma ħadux sehem fis-sejħa inkwistjoni għaliex l-ispeċifikazzjonijiet minimi tas-sejħa kienu jippermettu offerti b'teknoloġija inqas avvanzata, u l-kriterju tal-għotja tas-sejħa ma kienx iħeġġiġhom biex jikkompetu. La huwa stess qiegħed jaqbel li s-sejħa kienet wiesgħa biżżejjed sabiex offerti bl-aħjar teknoloġija fis-suq setgħu jkunu meqjusa konformi, mela allura ma kien hemm xejn xi jżomm lil min ried biex jieħu sehem fis-sejħa bi prodott li huwa tal-aħjar teknoloġija fis-suq. Tħares minn fejn tħares, jirriżulta għalhekk li t-tħassir tas-sejħa ma kienx raġonevoli u sar qabel ma setgħet irriżultat il-ħtieġa.

78. M'għandniex xi ngħidu li la s-sejħa inkwistjoni tħassret qabel ma rriżultat il-ħtieġa, dak it-tħassir huwa wkoll sproporzjonat, u fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis li kemm l-ewwel aggravju kif ukoll it-tielet aggravji ta' Cherubino Limited huma mistħoqqa.

79. It-talba ta' Cherubino Limited għat-tħassir tad-deċiżjoni dwar il-kanċellament tas-sejħa inkwistjoni sejra tkun għalhekk qiegħda tiġi milqugħa.

80. Naturalment, b'daqshekk il-Qorti mhijiex qiegħda tgħid li l-offerta ta'

Cherubino Limited hija teknikament konformi, u peress li l-funzjoni ta' din il-Qorti hija waħda ta' reviżjoni u mhux li tgħarbel jew inkella li taġġudika l-offerti (ara ***Reactilab Limited v. Korporazzoni għas-Servizzi tal-Ilma et.*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Ottubru, 2023), il-Qorti sejra tkun qiegħda tilqa' wkoll dik it-talba ta' Cherubino Limited sabiex l-appellata CPSU taħtar kumitat tal-evalwazzjoni ġdid, li għandu jgħarbel l-offerti kollha inkluż dik tal-kumpanija appellanti, biex imbagħad jasal għall-konklużjoni formali dwar liema offerta tissodisfa l-kriterji tal-għażla, u dan kemm skont id-dokument tas-sejħa inkwistjoni, kif ukoll fid-dawl tat-tweġibiet tad-Dipartiment tal-Kuntratti li ngħataw fin-noti ta' kjarifika.

81. Jifdal **<u>ir-raba' aggravju</u>** li fih Cherubino Limited qiegħda tilmenta minn dik il-parti tad-deċiżjoni appellata li fiha l-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi ddeċieda li d-depożitu li ħallset sabiex ressqet l-oġġezzjoni quddiemu ma kellux jintraddilha lura.

82. Min-naħa tagħhom kemm CPSU kif ukoll id-Dipartiment tal-Kuntratti wieġbu li dan l-aggravju mhuwiex tajjeb għaliex l-oġġezzjoni ta' Cherubino ma kinitx mistħoqqa. Id-Dipartiment tal-Kuntratti però mar pass aktar minn hekk, u qal li anke jekk l-aggravju ta' Cherubino dwar it-tħassir tas-sejħa huwa mistħoqq, il-Qorti xorta waħda m'għandhiex tilqa' dan l-aħħar aggravju.

83. Għalkemm veru li Cherubino Limited ma kellhiex raġun fl-ilment li l-kumitat ta' evalwazzjoni aġixxa *ultra vires,* madankollu kemm mill-ittra ta' oġġezzjoni li tressqet quddiem il-Bord, kif ukoll minn dan l-appell jidher li l-qofol tal-oġġezzjoni ta' Cherubino kienet u għadha sewwasew dwar in-nuqqas ta' ħtieġa u l-isproprozjonalità fid-deċiżjoni tat-tħassir tas-sejħa għall-offerti inkwistjoni.

84. Ġaladarba minn kif rajna aktar kmieni, Cherubino Limited kellha raġun għalfejn tilmenta mit-tħassir tas-sejħa, il-konsegwenza loġika għandha tkun li hija jistħoqqilha tiġbor lura d-depożitu mħallas minnha biex ressqet l-oġġezzjoni ta' quddiem il-Bord (ara f'dan is-sens ***Krypton Chemists Limited v. Central Procurement and Supplies Unit***, mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar, 2024).

85. Fiċ-ċirkostanzi, l-aħħar aggravju ta' Cherubino Limited huwa għalhekk ukoll mistħoqq, u fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti sejra tkun qiegħda tilqa' l-appell ta' Cherubino Limited, b'dan illi fid-deċiżjoni dwar il-kap tal-ispejjeż, il-Qorti sejra tkun qiegħda tieħu qies tal-fatt li Cherubino ma kellhiex raġun li tibqa' tinsisti li l-kumitat ta' evalwazzjoni aġixxa l-barra mis-setgħat mogħtija lilu.

86. B'żieda ma' dan, il-Qorti lanqas ma sejra tkun qiegħda tilqa' l-aħħar talba ta' Cherubino Limited li fiha talbet lil din il-Qorti sabiex *«Finalment tieħu dawk l-azzjonijiet kollha u neċessarji, sabiex dak li preċedentement ġie ordnat, u/ jew b'xi mod ieħor ġie ddikjarat minn din l-Onorabbli Qorti, jiġi implimentat»,* u dan billi fir-rikors tal-appell, Cherubino Limited naqset għalkollox milli ssostni din it-talba b'xi argumenti rilevanti jew inkella minn tal-inqas fissret x'inhuma dawk l-azzjonijiet speċifiċi li trid li jittieħdu.

87. Fl-aħħar nett u b'referenza għas-*«sottomissjoni ulterjuri»* tas-CPSU, li fiha qiegħda targumenta li anke jekk il-Qorti mhijiex konvinta mir-raġuni mogħtija għall-kanċellament tas-sejħa, din il-Qorti xorta waħda għandha tordna l-kanċellament bis-saħħa ta' **Regolament 90(3) tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**, il-Qorti tqis li r-Regolament imsemmi mis-CPSU japplika biss għall-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi u mhux ukoll għal din il-Qorti. Kemm hu hekk, is-setgħa ta' din il-Qorti li tħassar sejħa għall-offerti toħroġ minn dispożizzjoni oħra li ma ssemmietx mis-CPSU (ara **Regolament 286(3) tal-istess Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku).** Anke però li kieku stess is-CPSU kellha tirreferi għar-Regolament li japplika għal din il-Qorti, il-Qorti xorta waħda ma jidhrilhiex li l-aqwa soluzzjoni fiċ-ċirkostanzi hija t-tħassir tas-sejħa inkwistjoni, u dan għall-istess raġunijiet li ngħataw aktar kmieni.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda **tilqa’** l-appell ta’ Cherubino Limited u dan billi:

(i) **tħassar** id-deċiżjoni tal-Bord ta’ Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi ta’ nhar it-2 ta’ April, 2024;

(ii) **tħassar** ir-rakkomandazzjoni tal-kumitat ta’ evalwazzjoni dwar it-tħassir tas-sejħa, kif ukoll id-deċiżjoni tal-kanċellament tas-sejħa kif ippubblikata mid-Dipartiment tal-Kuntratti fil-15 ta’ Settembru, 2023;

(iii) **tordna** lill-awtorità kontraenti sabiex taħtar kumitat ta’ evalwazzjoni mill-ġdid li għandu jgħarbel l-offerti kollha, inkluż dik tal-kumpanija appellanti, biex imbagħad jasal għall-konklużjoni formali dwar liema offerta tissodisfa l-kriterji tal-għażla, u dan kemm fid-dawl tad-dokument tas-sejħa, tan-noti ta’ kjarifika rilevanti, kif ukoll fil-kuntest ta’ dak li ngħad f’paragrafi 67 sa 70 ta’ din is-sentenza, sabiex minn hemmhekk il-proċess jissokta skont il-liġi;

(iv) **tordna** li d-depożitu mħallas minn Cherubino Limited sabiex ressqet l-oġġezzjoni ta’ quddiem il-Bord ta’ Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi, jintraddilha lura, u fl-aħħar nett;

(v) **tordna** li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu fi kwoti ta' tliet kwarti ($^{3}/_{4}$) mill-appellati flimkien bejniethom, filwaqt li l-kwart ($^{1}/_{4}$) l-ieħor għandu jitħallas mill-appellanti Cherubino Limited.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm